**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 19/14 JZM**

**Matthew Bajada**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

***u***

**l-Kummissarju tal-Pulizija**
**ghal kull interess li jista` jkollu**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Frar 2014 li jaqra hekk :–

***Illi huwa ferm importanti li r-rikorrent jirrileva li bhala stat ta` fatt huwa ma kienx instab hati f`guri mill-kapi tal-akkuza fit-28 ta` Jannar 2013 kif jidher fis-sentenza esebita Dok A ; illi gja bata bizzejjed meta ghadda zmien arrestat, ghadda mill-proceduri ta` kumpilazzjoni u ghadda mill-proceduri tal-guri meta ma kienx hati – u certament li barra mill-ispejjez gja inkorsi ma ghandux ibati wkoll konfiska tad-depozitu ;***

*Illi r-rikorrent kien tressaq b`arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-mori tal-proceduri nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet inter alia tal-iffirmar. Ghall-bidu li nghata l-helsien mill-arrest huwa kien obbligat illi jiffirma kuljum gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, izda sussegwentement, wara digriet tat-3 ta` Novembru 2009, il-kundizzjoni giet varjata b`dan li huwa kien obbligat illi jiffirma kull nhar ta` Tlieta u nhar ta` Sibt fl-Ghassa tal-Pulizija ;*

*Illi fit-13 ta` Lulju 2012, l-Avukat Generali pprezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali, fejn talab li ai termini tal-artikolu 579, dik l-Onorabbli Qorti joghgobha tohrog mandat ta` arrest fil-konfront tal-esponenti u tigi ordnata wkoll il-konfiska tad-depozitu u garanzija personali li kienu mposti in segwitu ghad-digriet li bih gie akkordat il-helsien mill-arrest ;*

*Illi r-ragunijiet li l-Avukat Generali gab il-quddiem a bazi ta` liema huwa talab ir-revoka tal-helsien mill-arrest kienu, l-allegazzjoni li l-esponenti naqas milli jonora l-obbligu tal-iffirmar impost fuqu ; l-allegazzjoni li l-esponenti biddel l-indirizz tar-residenza tieghu minghajr ma nforma l-ufficjal prosekutur jew lill-Qorti dwar l-istess ; u l-allegazzjoni li l-esponenti spicca rinfaccat bi proceduri ohra kontra tieghu ;*

*Illi b`digriet tal-Qorti Kriminali tas-16 ta` Lulju 2012, il-Qorti, filwaqt illi gustament ma haditx konjizzjoni tal-allegazzjoni dwar kommissjoni ta` reat waqt il-perjodu tal-helsien mill-arrest, u filwaqt illi ddikjarat illi ma kienx hemm ksur dwar il-kondizzjoni dwar fejn l-esponenti ghandu jirrisjedi, iddecidiet illi l-kundizzjoni dwar l-iffirmar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija giet miksura ; dik il-Qorti rrevokat il-helsien mill-arrest u ordnat il-konfiska tad-depozitu u garanzija personali ai termini tal-artikolu 579(1), ghax irriteniet illi l-mument li jkun hemm ksur ta` xi kundizzjoni l-effetti*

*huma awtomatici dawn it-tnejn, ossia, ir-riarrest u l-konfiska tad-depozitu u garanzija personali ;*

*Jinghad li skont l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta` Lulju, 2012 l-esponenti kellu jiffirma fl-Ghassa tal-Hamrun. Izda bhala xhieda dwar dan l-aspett ittellghet l-ufficjal stazzjonat ir-Rabat kif ukoll il-bailbook. Huwa obbligu li fil-Qorti dejjem tigi prodotta l-ahjar prova. Il-bailbook mhux xi Registru li jwassal ghal xi prova konklussiva. Dan ma jinzammx minn Ufficjal Pubbliku ghalkemm mizmum minn enti governattiva u huma l-Pulizija li jimlew l-istess ktieb. Hu mportant wkoll li wiehed jara x-xhieda tal-ufficcjali li tella` l-istess bailbook biex wiehed jara kemm din ma kinitx l-ahjar prova kif rikjest mil-ligi. Ma hemm ebda chain of evidence izda documentary hearsay evidence. Fil-kawza* ***Repubblika ta` Malta vs David Norbert Schembri*** *– Qorti Kriminali tal-31 ta` Mejju 2007*

*Inghad (pagna 10) :*

*"Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita` tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie kkonsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero` baqa` ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x`aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill-ufficju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa` esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall-holqien, l-ezistenza u l-paternita` tieghu u bla ma saret il-prova tal-kontinwita` tal-evidenza."*

*Illi f`dawn ic-cirkostanzi gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent meta fis-16 ta` Lulju 2012 meta l-Qorti mill-gdid ordnat ir-riarrest tieghu, u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta tas-somom indikati bhala depozitu kif ukoll bhala garanzija personali fid-digriet tat-13 ta` Frar, 2009 ; b`hekk gie li ghadda minn tant inkwiet, tilef tant flus fi proceduri u nuqqas ta` xoghol bi tbatija ghalih u ghal familtu, u trattament inuman u degradanti (Art 36 tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni) ;*

*Illi diversi drabi inghad mill-Qorti Ewropea li ghandha ssir distinzjoni cara bejn <u>kundizzjonijiet principali</u> tal-helsien mill-arrest (bhal per ezempju li l-akkuzat ma jikkommettiex reat iehor, li ma jahrabx u li jidher ghall-proceduri tal-Qorti) u <u>kundizzjonijiet hekk imsejjha ancillari</u> bhalma huma l-kundizzjoni ta` rinkazar u tal-iffirmar; F`* ***Paradis v France*** *intqal :*

*"However, the domestic authorities must strike a fair balance between the importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court, and the importance of the right to liberty."*

*Illi r-rikorrenti jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet* ***Gatt vs Malta****, deciza 27 ta` Lulju 2010 [Applikazzjoni numru 28221/08], fejn gie ritenut li l-Qorti ghandu jkollha d-diskrezzjoni li tapplika l-artikolu 579(1) in toto jew in parte skont ic-cirkostanzi tal-kaz ; Wara dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali f`Malta u cioe` li jkun hemm vjolazzjoni kieku jkun hemm nuqqas ta` proporzjonalita` u arbitrarjeta`, fis-sentenza tal-Qorti Ewropea f`paragrafu 40 insibu :*

*"The issue of proportionality assumes particular significance in the overall scheme of things."*

*U f`para 46 jinghad :*

*"The arrest and detention must be for the purpose of securing its fulfillment and not punitive in character"*

*U f`para 48 insibu :*

*"The situation would be even more paradoxical if the individual were to be acquitted of such charges"*

*U f`para 49 :*

*"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, or conditions related to other considerations. It however, gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature".*

*Ukoll fil-kawza* ***Jolzn Grima vs Avukat Generali et****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-16 ta` Marzu 2011 [32/2009] inghad :*

*"****Artikolu 5(1)(b)***

*Din il-Qorti, pero`, hi mhassba dwar il-mod tassattiv kif inhuma registrati l-Artikoli 579(1) u 586(1) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 579(1) jiddisponi, fil-qosor, li jekk l-imputat jew l-akkuzat jonqos li josserva xi kundizzjoni mposta mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, "is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta` Malta", u l-Artikolu 586(1) jghid li jekk ma jsirx hlas ta` din is-somma, l-imputat jew l-akkuzat ghandu jinzamm f`detenzjoni ghal zmien ta` mhux aktar minn gurnata ghal kull €11.65 ta` dik is-somma.*

*Ghalkemm il-proviso ghall-Artikolu 579(1) jghid li t-telfien tal-garanzija ma joperax jekk il-ksur tal-kundizzjoni mposta "ma hiex ta` konsegwenza serja", ma tipprovdix lil Qorti b`diskrezzjoni li timmitiga l-ammont ta` telf skont ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista` jkollu "konsegwenza serja", il-Qorti m`ghandhiex diskrezzjoni "to fit the punishment to the offence", izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija <u>kollha</u>, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat. Kien fil-fatt dan in-nuqqas ta` proporzjon li wasslet lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja tqis dan l-artikolu drakonjan fil-kaz ta`* ***<u>Lawrence Gatt v. Malta</u>****, deciza fis-27 ta` Lulju 2010, fejn ma qablitx ma` sentenza li tat din il-Qorti fit-12 ta` Frar 2008, li f`cirkostanzi li jixbhu dawk ta` din il-kawza, kienet sabet xejn hazin fil-konverzjoni kif giet applikata f`dak il-kaz.*

*Biex jigu ndirizzati l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta` Strasbourg, din il-Qorti thoss li f`kaz ta` ksur ta` xi kundizzjoni mposta, il-Qorti Kriminali ghandha tinghata diskrezzjoni li tapplika l-Artikolu 579(1) in toto jew in parte skont il-gravita` tal-kaz. Hemm diversi gradi ta` serjeta` li jista` jirrizulta wara ksur ta` kundizzjoni, u l-Qorti trid tkun fi grad li tqis dawn ic-cirkostanzi u tordna skont is-serjeta` tal-kaz, jekk il-garanzija ghandhiex tghaddi favur il-Gvern ta` Malta in parte jew fl-interessi taghha. F`kaz bhal dan, fejn giet imposta garanzija personali ta` €23,293.73, meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet impost fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabbilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta` Malta. B`dan il-mod, il-Qorti tkun tista` tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta` Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma` dak li jrid l-Artikolu 5 (1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li trid li ghandu jkun hemm element ta` proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm 'ceiling' ta` kemm wiehed jista` jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita`."*

*Ara wkoll **Pulizija vs Godfrey Gambin et.**, digriet per Imhallef Dr D. Scicluna, datat 27 ta` Jannar 2012, **Il-Pulizija vs Carlos Falzon**, deciza nhar is-27 ta` Mejju 2011, **Il-Pulizija vs Giuseppe Puglisi** deciza nhar il-11 ta` Gunju 2010 **Il-Pulizija vs Joseph Brincat**, deciza fit-2 ta` Gunju 2011.*

*Aspett iehor li l-Qorti tista` tikkunsidra relevanti ghall-kaz hu li l-ammont li gie stabbilit bhala garanzija li kien arbitrarju. L-ebda Qorti m`ghandha xi guideline legali li jghid kemm ghandha tkun stabbilita l-garanzija, u ghalhekk l-ammont huwa ghal kollox arbitrarju. Gudikant jista` jkollu kriterji soggettivi tieghu, u dan igib li arbitrarjeta` personali. Biex ma tkunx arbitrarja jehtieg li tohrog mil-ligi.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tiddikjara li :-*

*1. Meta bid-digriet taghha tas-16 ta` Lulju 2012 il-Qorti Kriminali ddecidiet illi l-kundizzjoni dwar l-iffirmar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija giet miksura, u rrevokat il-helsien mill-arrest u ordnat il-konfiska tad-depozitu u garanzija personali ai termini tal-artikolu 579(I), ghax irriteniet illi l-mument li jkun hemm ksur ta` xi kundizzjoni l-effetti huma awtomatici dawn it-tnejn, ossia ir-riarrest u l-konfiska tad-depozitu u garanzija personali, ma qaghditx fuq l-ahjar prova u b`hekk gew lezi d-drittijiet funamentali tieghu u ghalhekk fuq il-fatti premessi kien hemm vjolazzjoni tal-artikoli 3 u 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-artikoli 36, 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ;*

*2. Meta l-Onorabbli Qorti Kriminali cahdet ir-rikorsi tal-esponent u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta biex is-somom indikati bhala depozitu kif ukoll bhala garanzija personali fid-digriet moghti fit-13 ta` Frar, 2009, inavvertitament ma mxietx mal-principji tal-proporzjonalita` u arbitrarjeta` imhaddna fil-Konvenzjoni Ewropea u enuncjata fis-sentenzi tal-ECHR ;*

*3. Meta saret il-konfiska msemmija fil-kaz in ezami gew vjolati d-drittijiet tal-esponenti senjatament dawk derivati mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni ;*

*4. Tenut kont tal-principji ta` proporzjonalita` u arbitrarjeta`, kif ukoll li l-allegat ksur, jekk stess jirrizulta, jittratta dwar kundizzjoni ancillari, tordna r-rilaxx tas-somom depozitati in toto jew in parte favur ir-rikorrent.*

*5. Bl-ispejjez kontra l-intimati.*

Rat ir-risposta tal-intimati li kienet prezentata fis-26 ta` Marzu 2014 u taqra hekk :–

*Illi permezz tar-rikors promotur, jidher li r-rikorrent qed juza din l-azzjoni straordinarja sabiex jittenta jipproponi appell mid-digriet tal-Qorti Kriminali tas-16 ta` Lulju 2012 fir-rigward tal-imsemmi digriet fejn jirrizulta ampjament mill-atti processwali li l-Qorti Kriminali ddecidiet skont il-ligi u skont il-principji tal-gustizzja naturali.*

*Illi r-rikorrent qed jallega s-segwenti :*

*"(i) id-digriet tas-16 ta` Lulju 2012 il-Qorti Kriminali ddecidiet illi l-kundizzjoni dwar l-iffirmar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija giet miksura u rrevokat il-helsien mill-arrest u ordnat il-konfiska tad-depozitu u garanzija personali ai termini tal-Artikolu 579(i) ghax irriteniet li l-mument li jkun hemm ksur ta` xi kundizzjoni l-effetti huma awtomatici dawn it-tnejn, ossia r-riarrest u l-konfiska tad-depozitu u garanzija personali, ma qaditx fuq l-ahjar priva u b`hekk gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu u ghalhekk fuq il-fatti premessi kien hemm vjolazzjoni tal-Artikoli 3 u 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-artikoli 36, 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ;*

*(ii) Meta l-Onorabbli Qorti Kriminali cahdet ir-rikorsi ta` Matthew Bajada u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta biex is-somom indikati bhala depozitu kif ukoll bhala garanzija personali fid-digriet moghti fit-13 ta` Frar, 2009, inavvertitament ma mxitx mal-principji tal-proporzjonalita` u arbitrarjeta` mhaddna fil-Konvenzjoni Ewropea u enuncjata fis-sentenzi tal-ECHR ;*

*(iii) Meta saret il-konfiska msemmija fil-kaz in ezami gew vjolati d-drittijiet tal-esponenti senjatament dawk derivati mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ;*

*(iv) Tenut kont tal-principji ta` proporzjonalita` u arbitrarjeta`, kif ukoll li l-allegat ksur, jekk stess jirrizulta, jitratta dwar kundizzjoni ancillari, tordna r-rilaxx tas-somom depozitati in toto jew in parte favur Matthew Bajada.;"*

*(I) Illi in linea preliminari ghandhom jigu allegati l-atti tal-proceduri Kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta` Malta v Matthew Bajada" decizi fit-28 ta` Jannar 2013 ;*

*(II) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fic-cirkostanzi odjerni ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikoli 3,5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikoli 36, 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :-*

*(i) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti :-*

*Illi jirrizulta mill-Att tal-Akkuza li jgib in-numru ta` referenza 45/2010 li r-rikorrent kien gie akkuzat fil-qosor b`pussess illegali u traffikar ta` sustanzi kontrollati u cioe` bl-ammont komplessiv ta` 21375 (wiehed u ghoxrin elf, tlett mija, hamsa u sebghin) pillola ecstasy li kienet instabet mistura fil-vettura tieghu wara li hu kien akkwistha mill-Olanda u saritlu tfittxija mill-Pulizija Ezekuttiva mal-wasla tieghu fil-port il-Marsa malli nizel mill-vapur Splendid li kien salpa minn Genova. Illi nonostante l-provi konkreti fil-kaz odjern fejn addirittura r-rikorrent kien inqabad in flagrante, il-gurati kienu kkonkludew li r-rikorrent ma kellux jinstab hati b`sitt voti kontra tlieta. Ghaldaqstant, il-Qorti Kriminali kienet illiberatu mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu fl-imsemmija Att ta` Akkuza ;*

*Illi qabel ma gie appuntat l-imsemmi guri, irrizulta li r-rikorrent kien kiser il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest tieghu ghal diversi xhur u ghalhekk l-esponent Avukat Generali kien talab ir-riarrest tieghu u l-konfiska tal-garanzija personali ;*

*Illi l-Qorti Kriminali wara li semghet liz-zewg partijiet igibu l-provi necessarji u jittrattaw ir-rikors, fic-cirkostanzi odjerni l-Qorti kienet sodisfatta li l-istess digriet ma kellux jigi varjat ;*

*(ii) Illi in kwantu ghall-allegazzjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u cioe` id-dritt protett li wiehed ma jkunx assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti, l-esponenti jirrilevaw li fl-ewwel lok ic-cirkostanzi kif dedotti fir-rikors ma jipprezentaw l-ebda apparenza ta` tortura jew ta` trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent ;*

*Illi fit-tieni lok, l-esponenti jissottomettu li mhu xejn car minn fejn allegatament jirrizulta l-ksur tad-dritt fundamentali ta` trattament inuman jew degradanti f`cirkostanzi fejn ir-rikorrent deliberatament kiser il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest tieghu ghal diversi xhur, minghajr ebda gustifikazzjoni permessa mil-ligi ;*

*Illi fit-tielet lok, huwa car li l-fatt li r-rikorrent kien obbligat bil-ligi illi jaderixxi mal-kundizzjonijiet a bazi ta` liema l-Qorti kompetenti kienet ordnat il-helsien mill-arrest tieghu bl-ebda mod ma tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent; liema kundizzjonijiet kienu del resto gusti u bilancati bhala garanzija ghall-helsien mill-arrest tenut kont tac-cirkostanzi tar-rikorrent (dakinhar akkuzat u tal-akkuzi mputabbli lilu) ;*

*(iii) Illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent fis-sens illi gie lez id-dritt tieghu ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea hija wkoll manifestament infondata u l-esponenti jirribattu li l-fatti kif allegati fir-rikors promotur certament ma jinkwadrawx f`dak li l-istess Artikolu 5 qed jissalvagwardja. Effettivament, kien ir-rikorrent stess li naqas li jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ghal diversi xhur u l-esponenti bl-ebda mod ma jistghu jkunu responsabbli ghan-nuqqasijiet tieghu*

*Fil-fatt, dwar l-allegat arrest u detenzjoni arbitrarja, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi elenku ta` eccezzjonijiet ghar-regola generali, fosthom meta jkun hemm suspett ragonevoli li dik il-persuna tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li persuna tikkommetti reat jew li tahrab mill-amministrazzjoni tal-gustizzja wara li tkun ghamlet reat, bhal fil-kaz odjern, b`dan illi fic-cirkostanzi in dizamina ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt ghall-harsien minn arrest u detenzjoni arbitrarja kif allegat mir-rikorrent ;*

*(iv) Illi in kwantu l-allegazzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 6, huwa pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha kif ukoll li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk effettivament kienx hemm smigh xieraq huma li l-parti kellu*

*l-fakulta` li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` assistenza legali u li l-partijiet jinghataw opportunitajiet indaqs sabiex igibu l-provi necessarji u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom skont il-ligi, li del resto certament gew sodisfatti fil-kaz odjern ;*

*Illi jirrizulta car mill-atti tal-process kriminali in kwistjoni li l-Qorti Kriminali tat id-digriet taghha tas-16 ta` Lulju 2012 wara li gharblet il-provi u s-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet u ghalhekk certament mhux il-kaz li ma ngabitx l-ahjar prova, kif qed jigi allegat mir-rikorrent ;*

*(v) Illi fir-rigward tal-kazistika kemm lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea li saret referenza ghaliha mir-rikorrent, l-esponenti jirribattu li ma tapplikax ghall-kaz odjern stante li c-cirkostanzi huma diversi, peress illi kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, mhux il-kaz li l-Qorti koncernata fil-proceduri in kwistjoni 'inavvertitament ma mxietx mal-principji tal-proporzjonalita` u arbitrarjeta` mhaddna fil-Konvenzjoni Ewropea' ;*

*(vi) Illi dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (li l-esponenti qed jikkontestaw bil-qawwa) fl-umli fehma tal-esponenti fic-cirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta` ksur ghandha tkun sufficjenti ;*

*(vii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kollha kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-25 ta` April 2014 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta` Malta vs Matthew Brincat*" deciza mill-Qorti Kriminali fit-28 ta` Jannar 2013.

Rat l-atti tal-process allegat.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Il-procediment kriminali kontra r-rikorrent

Kienu allegati l-atti ta` l-procediment kriminali kollu istitwit kontra r-rikorrent u li wassal ghall-hrug tal-Att ta` Akkuza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta` Malta vs Matthew Bajada.* Il-procediment kien deciz finalment b`sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta` Jannar 2013 bil-liberazzjoni tar-rikorrent mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu. L-atti allegati kienu jikkomprendu l-procediment kondott mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Il-Qorti rat l-atti u sejra tirreferi ghal dawk minnhom li jidhrilha rilevanti ghall-istanza odjerna :-

1. A fol 24 tal-procediment meta kien quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, hemm id-dokument biex ir-rikorrent jinzamm il-habs b`effett mit-28 ta` Jannar 2009.

2. Ir-rikorrent ipprezenta rikors sabiex jinghata l-helsien mill-arrest (fol 168 – atti tal-kumpilazzjoni).

3. Fis-17 ta` Frar 2009 il-Qorti Istruttorja laqghet it-talba tar-rikorrent ghall-helsien mill-arrest b`diversi kondizzjonijiet fosthom li kellu jirrapporta l-Ghassa tal-Hamrun kuljum bejn it-8.00 a.m. u t-8.00 p.m., li kellu jiddepozita s-somma ta` €5,000, apparti garanzija personali ta` €30,000. (fol 186 – atti tal-kumpilazzjoni).

4. Fis-17 ta` Frar 2009, id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin kien infurmat illi r-rikorrent kien inghata l-helsien mill-arrest (fol 184 – atti tal-kumpilazzjoni).

5. Fit-23 ta` Marzu 2009, ir-rikorrent talab b`rikors sabiex *inter alia* jkun awtorizzat jibdel l-indirizz tieghu (fol 232 – atti tal-kumpilazzjoni).

6. Fl-24 ta` Marzu 2009, l-Avukat Generali ma opponiex it-talba tar-rikorrent (fol 233 – atti tal-kumpilazzjoni).

7. Fil-25 ta` Marzu 2009, il-Qorti Istruttorja awtorizzat lil Matthew Bajada sabiex ibiddel l-indirizz tar-residenza tieghu ghal Der

Freyde, Triq Margaret Murray, Naxxar, bil-kondizzjonijiet l-ohra jibqghu nvarjati.

8. Fit-18 ta` Settembru 2009, sar rikors minn Matthew Bajada fejn talab *inter alia* li tkun varjata l-kundizzjoni dwar il-helsien mill-arrest relattiva ghall-firma kuljum fl-Ghassa tal-Hamrun. Talab li jiffirma darba fil-gimgha fl-istess Ghassa tal-Pulizija (fol 478 – atti tal-kumpilazzjoni).

9. Fit-23 ta` Settembru 2009 l-Avukat Generali wiegeb fis-sens illi r-rikorrent kellu jibda jiffirma hames darbiet fil-gimgha minflok kuljum fl-istess Ghassa tal-Pulizija (fol 489 – atti tal-kumpilazzjoni).

10. Fl-24 ta` Settembru 2009, il-Qorti Istruttorja ddekretat illi ma kenitx sejra tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors peress li r-risposta ta` l-Avukat Generali waslet ghandha meta l-atti kienu diga` rinvijati (fol 490 – atti tal-kumpilazzjoni).

11. Fit-28 ta` Ottubru 2009, ir-rikorrent ipprezenta l-istess rikors li kien ipprezenta fit-18 ta` Settembru 2009 (fol 496 - atti tal-kumpilazzjoni).

12. Fit-30 ta` Ottubru 2009 l-Avukat Generali wiegeb billi oppona t-talba tar-rikorrent (fol 495 – atti tal-kumpilazzjoni).

13. Fit-3 ta` Novembru 2009, il-Qorti Istruttorja tat digriet fejn varjat il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest ghar-rigward tal-firem fl-ghassa, billi awtorizzat lir-rikorrent sabiex jiffirma darbtejn fil-gimgha flok kuljum, billi jmur jiffirma kull nhar ta` Tlieta u kull nhar ta` Sibt fl-istess hinijiet ta` qabel (fol 500 – atti tal-kumpilazzjoni).

14. Fit-13 ta` Lulju 2012 l-Avukat Generali pprezenta rikors fejn talab il-hrug ta` mandat ta` arrest kontra r-rikorrent, kif ukoll il-konfiska tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija personali billi r-rikorrent kiser l-obbligu tal-iffirmar, kiser l-obbligu tal-bdil tar-residenza minghajr awtorizzazzjoni, ikkommetta intralc fil-provi u kkommetta reat iehor waqt iz-zmien tal-helsien mill-arrest (fol 38 – atti tal-procediment quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta` l-Akkuza Nru 45/10).

15. Fit-13 ta` Lulju 2012, il-Qorti Kriminali *inter alia* appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-16 ta` Lulju 2012 (fol 40 – atti tal-procediment quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta` l-Akkuza Nru 45/10).

16. Wara li sar is-smigh, il-Qorti Kriminali tat digriet fis-16 ta` Lulju 2012 fejn sabet illi r-rikorrent kien kiser it-tieni kondizzjoni relatata ma` l-iffirmar, u peress li dak kien ksur serju, u allura ma kienx ighodd l-

proviso tal-Art 579(1) tal-Kap 9, tat ordni sabiex ir-rikorrent jerga` jigi arrestat, u ordnat il-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali (fol 49 sa 53 - atti tal-procediment quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta` l-Akkuza Nru 45/10). Fil-fatt ir-rikorrent ittiehed il-habs u sar l-izbank tal-plegg ta` €5000.

17. Fl-4 ta` Settembru 2012, ir-rikorrent ipprezenta rikors fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tas-16 ta` Lulju 2012 jew alternattivament fil-kaz ta` konferma tal-vjolazzjoni tal-obbligi imposti, l-applikazzjoni ta`l-proviso ta` l-Art 579(1) tal-Kap 9 u r-revoka in parti tad-digriet b`mod illi ma jghaddux favur il-Gvern ta` Malta. Fis-6 ta` Settembru 2012, l-Avukat Generali wiegeb ghar-riskors. Il-Qorti Kriminali cahdet it-talba tar-rikorrent (fol 81 - atti tal-procediment quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta` l-Akkuza Nru 45/10).

18. Fl-1 ta` Ottubru 2012, ir-rikorrent rega` pprezenta rikors iehor fejn talab lill-Qorti Kriminali sabiex tvarja d-digriet taghha tas-16 ta` Lulju 2012 billi tirrevoka *contrario imperio* l-ordni tal-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali. L-Avukat Generali wiegeb ghar-rikors billi ghal darb`ohra oppona t-talba. Fil-5 ta` Ottubru 2012, il-Qorti Kriminali tat digriet fejn cahdet it-talba ta` Matthew Bajada.

19. Ir-rikorrent Bajada rega` pprezenta rikors fil-11 ta` Dicembru 2012 fejn talab li jigi varjat id-digriet tas-16 ta` Lulju 2012 u li jinghata l-helsien mill-arrest. Fit-12 ta` Dicembru 2012, l-Avukat Generali wiegeb billi oppona. Ir-rikors kien trattat waqt udjenza li saret fis-17 ta` Dicembru 2012. Dakinhar stess il-Qorti Kriminali tat digriet fejn irrilevat illi kienet diga` esprimiet ruhha dwar rikors simili li kien sar qabel, li ma kien hemm bidla fic-cirkostanzi, u rrimarkat li meta akkuzat ma jkunx qaghad ghall-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, il-Qorti ftit setghet taghti affidament lir-rikorrent mbaghad meta kien qorob iz-zmien biex isir il-guri (fol 108 - atti tal-procediment quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta` l-Akkuza Nru 45/10).

20. Sar il-guri u fit-28 ta` Jannar 2013, ir-rikorrent kien liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu (fol 367 - atti tal-procediment quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta` l-Akkuza Nru 45/10).

21. Fl-4 ta` Frar 2013, ir-rikorrent ipprezenta rikors ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tas-16 ta` Lulju 2012. L-Avukat Generali wiegeb. Fil-11 ta` Frar 2013, il-Qorti Kriminali tat digriet fejn cahdet it-talba ta` r-rikorrent (fol 414 - atti tal-procediment quddiem il-Qorti Kriminali wara l-hrug tal-Att ta` l-Akkuza Nru 45/10).

## III. Xiehda

**Ir-rikorrent** xehed li fil-kaz li wassal ghal din il-kawza il-prosekuzzjoni kienet sostniet li huwa ma kienx mar jiffirma l-Ghassa tal-Hamrun u li ma kienx qed jirrisjedi fl-indirizz li kien ta lill-Qorti. Huwa spjega li kien hemm digriet tal-Qorti li kien akkorda l-bdil tal-indirizz u digriet iehor fejn kien awtorizzat jiffirma darbtejn fil-gimgha minflok kuljum. Huwa nsista li pprezenta l-kawza tal-lum ghaliex ma nghatax smigh xieraq meta tilef il-garanzija u l-helsien mill-arrest.

Qal illi l-konsegwenza li garrab kienet illi tilef d-depozitu ta` €5,000 u l-garanzija personali ta` €30,000.

Stqarr illi meta gabet il-kaz taghha quddiem il-Qorti Kriminali l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-provi kompluti ghaliex meta pprezentaw il-*bail book* dan kellu pagni neqsin.

Fisser illi quddiem il-Qorti Kriminali l-Imhallef sedenti canfar lill-Avukat Generali meta qal li kien qed jahli l-hin tal-Qorti meta gie pprezentat digriet tal-Qorti li ppermetta l-bdil tal-indirizz.

Kompla jghid illi wara li sar il-kaz, il-Qorti tat digriet fis-sens li huwa kien naqas milli jiffirma kuljum u kwindi kienu nsew illi kien hemm digriet iehor li ppermettielu darbtejn fil-gimgha. Huwa ma nghatax dritt jixhed u sab digriet ma` wiccu. Ma kellux smigh xieraq ; li kieku nghata l-opportunita` jiddeponi kien se jghid li kien hemm digriet iehor sussegwenti fejn inghata permess jiffirma darbtejn f`gimgha.

Stqarr illi huwa ried ighid lill-Qorti Kriminali li l-*bail book* ma kienx komplut tant li hemm pagni b`numri mqeghda hazin.

Spjega li huwa dejjem iffirma.

Qal illi wara li kien liberat mill-guri huwa baqa` arrestat il-habs ghal tmint ijiem sakemm hallas il-garanzija personali ta` €30,000.

Fisser illi ghalkemm ghal darbtejn talab lill-Qorti Kriminali sabiex tirrevoka d-digriet li bih tilef il-plegg u hallas il-garanzija personali, kien kollu ghalxejn. Anke waqt il-guri pprova jiehu lura l-€5,000 pero` ma kienx irnexxielu.

Stqarr illi huwa ghamel tmien xhur il-habs taht arrest preventiv.

**C.O. 116 Helenio Galea** xehed li r-rikorrent dahal fil-facilita` korrettiva ta` Kordin fit-28 ta` Jannar 2009. U hareg bil-helsien mill-arrest fis-17 ta` Frar 2009. Rega` dahal il-habs fis-6 ta` Lulju 2012. F`okkazjoni minnhom kellu l-akkuza tal-assocjazzjoni ma` persuni ohra biex jittraffika d-droga ; mentri f` okkazjoni ohra kellu akkuza li kkorrompa xhieda. Meta kien ghadu l-habs, bil-preciz fis-16 ta` Lulju 2012, il-Qorti Kriminali ordnat l-arrest mill-gdid tar-rikorrent billi kien kiser l-kndizzjonijiet tal-liberta` provvizorja. Fis-26 ta` Lulju 2012, il-garanzija personali ta` €30,000 li kellu kienet konvertita ghal sena prigunerija. Beda jiskonta dik is-sena fis-26 ta` Lulju 2012 sat-13 ta` Frar 2013 meta hallas d-differenza li kienet ta` €27,647 u hallas ukoll pledge li kellu dwar il-kaz ta` qabel li kellu fejn ikkorrompa x-xhieda. Hareg mill-habs fit-13 ta` Frar 2013 ghax hallas il-flus dovuti.

**Av. Dr. Elizabeth Quintano** mir-Registru tal-Qrati Kriminali xehdet illi fit-13 ta` Frar 2013, kienet depozitata s-somma ta` €27,647 fir-Registru li kienet tirraprezenta l-flus li kienu jkopru l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja. Is-somma originali kienet €30,000. Id-differenza fl-ammont kien iz-zmien li r-rikorrent ghamel il-habs.

**Spettur tal-Pulizija Sandro Camilleri** ghall-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta kopja tal-*bail book* 152 li kien jinzamm fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun fejn dan jirrigwarda lir-rikorrent biss. Fid-dokument hemm imnizzel l-isem ta` l-Ispettur li kien involut fil-kaz u cioe` l-Ispettur Jesmond mill-Iskwarda ta` Kontra d-Droga, id-dettalji tal-*bail conditions* u l-firem kollha li saru. Spjega li fil-ktieb hemm notament li jghid li r-rikorrent ma ffirmax fit-18 ta` April 2013. In-notament iddahhal minn WPC 41. Mieghu gab l-original tal-*bail book.* Ipprezenta wkoll vera kopja tal-*bail book* riferibbilment ghal Matthew Bajada li jkopri l-perijodu ta` bejn is-17 ta` Settembru 2009 u l-21 ta` April 2012.

**<u>Supretendent tal-Pulizija Carmelo Bartolo</u>** xehed illi huwa ghamel ricerka fir-*records* ta` l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun. Ghamel kopja tal-*bail book* li jkopri l-perijodu ta` bejn is-17 ta` Settembru 2009 u l-21 ta` April 2012. Mieghu gab ukoll l-original tal-*bail book*. Huwa kompla jghid li xi ftit zmien wara April 2012 ir-rikorrent dahal il-habs u mbaghad kien gie rilaxxjat. Spjega li mill-verifiki li ghamel, irrizulta li r-rikorrent dahal il-habs f`Lulju 2012. Il-*bail book* li gab ikopri biss sa April u ghalhekk ma kellux record ta` Mejju u Gunju 2012. Inoltre mir-ricerki li ghamel, ma rrizultax li kien hemm xi *bail book* iehor.

**<u>Spettur tal-Pulizija Jesmond Borg</u>** xehed illi kien avvicinat minn Joseph Camilleri, li kellu jkun ix-xhud principali fil-guri li kellu jsir kontra r-rikorrent. Camilleri allega mieghu illi Matthew Bajada offra flus lil Camilleri biex dan jixhed il-falz fil-guri, inkella ma jaghtix ix-xiehda, kif ukoll manteniment ghall-familja tieghu.

Spjega li huwa ha proceduri kriminali kontra Bajada ghal korruzzjoni ta` xhud ; din il-kawza ghadha pendenti. Kien anke kellem lill-Avukat Generali peress li kien irrizulta li Matthew Bajada ma kienx baqa` jiffirma l-Ghassa tal-Hamrun wara l-21 ta` April 2012. Sar jaf b`dan ghax kien ivverifika huwa stess il-*bail book* tal-Ghassa tal-Hamrun.

Kompla jghid li marru jfittxu lir-rikorrent u ma kienx fir-residenza li kien indika billi kien mar jabita n-Naxxar.

Qal illi huwa ma kienx infurmat bil-bdil fl-indirizz.

Sostna li Bajada kien anke offra flus lill-ufficjali tal-pulizija biex ma jixhdux.

Fisser illi huwa kien ha proceduri kriminali kontra r-rikorrent dwar dan kollu.

Stqarr illi jiftakar li kien sar rikors quddiem il-Qorti Kriminali dwar ksur tal-*bail conditions*. Huwa kien xehed waqt il-procedura tas-smigh tar-rikors. F`dik is-sede, kienu esebiti l-*bail books* ta` dak iz-zmien. Bajada ghamel zmien jiffirma l-Ghassa tal-Hamrun kuljum. Wara l-21 ta` April

2012, Matthew Bajada baqa` ma ffirma qatt. Infatti l-ahhar firma tieghu kienet dik tal-21 ta` April 2012 fid-9.00 a.m.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li huwa ma kienx notifikat bid-digriet fejn kien sar bdil fl-indirizz ta` residenza ta` Bajada. Il-Qorti Kriminali sab htija fir-rikorrent ghar-rigward tan-nuqqas ta` firma tal-bail book. Qal illi ma jafx kemm kien hemm *bail books* fil-kaz ta` r-rikorrent izda spjega li ghall-ewwel kien jiffirma kuljum u wara darbtejn fil-gimgha. Sar jaf li ma kienx iffirma fil-21 ta` April 2012. Ghaz-zmien ta` qabel, huwa ra hafna firem u qatt ma kkontestahom. Il-problema nholqot wara l-21 ta` April 2012, peress li Bajada ma baqax jiffirma darbtejn fil-gimgha. Huwa kien li ghamel l-investigazzjonijiet.

Stqarr illi dak li gara kien illi wara li kien kellmu Joseph Camilleri, huwa ordna lill-pulizija tal-Hamrun sabiex kif imur jiffirma r-rikorrent, izommuh sabiex jigi nvestigat. Wara li rrizulta li ma kienx qed jiffirma kien arrestat.

Ippreciza li jkun hemm *bail book* wiehed ghal kull persuna. Jekk imbaghad persuna jkollha aktar minn kaz wiehed, ikun hemm *bail book* ghal kull kawza. Billi Bajada kellu zewg kawzi pendenti, kellu jiffirma darbtejn.

## IV. L-ewwel talba

Ghar-rigward tal-ewwel talba, ir-rikorrent qieghed jilmenta fl-ewwel lok minn trattament inuman u degradanti, u fit-tieni lok li nkiser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

Dwar l-ewwel lanjanza, ir-rikorrent jirreferi ghall-Art 3 tal-Konvenzjoni u ghall-Art 36 tal-Kostituzzjoni.

**L-Art 3 tal-Konvenzjoni** jghid :-

*Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

L-**Art 36(1) tal-Kostituzzjoni** jaqra :-

*Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

Dwar it-tieni lanjanza, ir-rikorrent jirreferi ghall-**Art 6(1) tal-Konvenzjoni** u ghall-**Art 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni**.

**L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni** jaqra :-

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieg]u, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ra[onevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtiega fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

Waqt li s-subartikoli citati mir-rikorrent fil-kaz tal-**Art 39 tal-Kostituzzjoni** jghidu :-

*(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*

*(3) Hlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proceduri kollha ta' kull qorti u l-proceduri dwar id-decizjoni tal-ezistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi civili ta' persuna quddiem xi awtorità gudikanti ohra, maghdud il-pronunzjament tad-decizjoni tal-qorti jew awtorità ohra, ghandhom jinzammu fil-pubbliku.*

1. **L-Art 36(1) tal-Kostituzzjoni**
   **L-Art 3 tal-Konvenzjoni**

Id-dritt tal-persuna li ma tkunx assoggettata ghal piena jew trattament inuman jew degradanti huwa wiehed mill-ftit li huwa redatt f`termini assoluti kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni.

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` April 1991 fil-kawza "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" il-Qorti Kostituzzjonali rrilevat illi trattament inuman jew degradanti m`ghandux jigi ekwiparat ma` tortura, ghaliex ghalkemm iz-zewg koncetti huma relatati ghandhom jinzammu distinti (**"Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar"** - 20 ta` Lulju 1977 – Qorti Kostituzzjonali). Fil-fatt it-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u ntenzjonata ta` trattament inuman jew degradanti.

Fis-sentenza appena citata ta` "**Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar**" il-Qorti Kostituzzjoni qalet hekk :-

*Kwantu ghall-kuncett ta` "trattament inuman", din il-Qorti tahseb li, in generali, tista` wkoll tirriferixxi ghal dak espress mill-Kummissjoni Ewropeja fl-imsemmi Kaz Grieg, kif kjarit imbaghad fl-imsemmi Kaz ta` l-Irlanda.*

*"The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable" (Rapport ta` l-imsemmija Kummissjoni fil-Kaz Grieg, loc. cit).*

*Bi kjarifikazzjoni ghal dan, gie imbaghad aggunt mill-istess Kummissjoni fir-Rapport taghha fuq il-Kaz ta` l-Irlanda (p.378) li hija innotat li "the term unjustifiable (in the particular situation) has given rise to some misunderstanding and therefore finds it necessary to state clearly that it did not have in mind the possibility that there could be a justification for any treatment in breach of article 3" (tal-Konvenzjoni) (ara wkoll decizjoni ta` l-imsemmija Kummissjoni fl-Applikazzjoni Num 4771/71 Jacob Hamma vs The Netherlands).*

*Kwantu ghal trattament degradanti, dan, fl-aktar kliem semplici, hu trattament li gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor (ara Rapport ta` l-imsemmija Kummissjoni fil-Kaz Grieg, loc cit) …*

Sabiex trattament partikolari jkun jikkostitwixxi vjolazzjoni skont id-disposizzjonijiet citati tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, dak it-trattament

jehtieg li jilhaq grad ta` gravita` tali illi l-gudikant ghandu japplika t-test soggettiv, u cioe` fejn il-kejl ma jkunx abbazi ta` l-effett li dak it-trattament jista` jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, izda abbazi tal-effett li dak it-trattament kellu fuq il-persuna partikolari li ghalih tkun giet assoggettata. Ghalhekk is-sess, l-eta`, l-istat ta` sahha, l-inkapacitajiet u fatturi varjabbli ohra li jaghmlu l-persuna dak li effettivament hi ghandhom jinghataw debita importanza [ara l-gurisprudenza citata fis-sentenza fil-kawza : "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (op. cit.)].

Trattament inuman jew degradanti huwa mejqus b`manjiera sostanzjalment simili jekk mhux identiku mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Frar 2008 fil-kawza "**Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et**" il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet riferenza ghad-decizjoni tal-ECHR tad-19 ta` April 2001 fil-kawza "**Peers v. Greece**" fejn kien inghad :-

*67. The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*68. Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Raninen v. Finland, judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55) …*

*74. In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant.However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX)."*

Fil-kaz ta` "**Yancov v. Bulgaria**" deciz fil-11 ta` Dicembru 2003 l-ECHR qalet hekk :-

*105. In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, § 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, § 101, ECHR 2002-VI).*

*106. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. the United Kingdom.Judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*107. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible withrespect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and wellbeing are adequately secured (Kud³a v. Poland [GC], no. 30210/96, §§ 93-94, ECHR 2000-XI).*

Fid-decizjoni li tat l-ECHR fis-27 ta` Lulju 2010 fil-kaz ta` "**Gatt v. Malta**" kien inghad hekk :-

*The Court reiterates that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim`s behaviour. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected*

*with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element (see Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, §§ 95-96, ECHR 2008)*

*The Court does not exclude that the imposition of a disproportionate sentence having regard to all the circumstances of the case may give rise to an issue under Article 3 of the Convention (see, mutatis mutandis, Hussain v. the United Kingdom, 21 February 1996, Reports 1996-I; T. v. the United Kingdom and V. v. the United Kingdom [GC], nos. 24724/94 and 24888/94, §§ 99 and 100 respectively, judgments of 16 December 1999 and Einhorn v. France (dec.), no. 71555/01, ECHR 2001-XI).* ***However, to find a State in violation of Article 3 is particularly serious and a minimum level of severity is required for a complaint to fall within the scope of Article 3. The Court observes that, while the length of the applicant`s detention as a result of his failure to pay the amount of the guarantee may be a source of stress and anxiety to the applicant, it cannot be said to have reached the threshold proscribed by Article 3.*** [enfasi ta` din il-Qorti]

*It follows that this complaint is inadmissible as manifestly illfounded within the meaning of Article 35 § 3 and must be rejected pursuant to Article 35 § 4 of the Convention."*

Minn evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti ma ssibx ksur tad-disposizzjonijiet citati mir-rikorrent in sostenn ta` din l-ewwel lanjanza tieghu.

Meta nghata l-helsien mill-arrest, ir-rikorrent kien obbligat li joqghod strettament mal-kondizzjonijiet imposti. Fl-istanza tieghu, ir-rikorrent mhux jilmenta mill-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest *ut sic.* L-allegazzjoni tieghu hija li kagun ta` l-provvediment tal-Qorti Kriminali, huwa ghadda minn inkwiet, tilef il-flus, u garrab nuqqas ta` xoghol bi tbatija ghalih u ghall-familja tieghu ; ghalhekk it-trattament inuman jew degradanti.

Issa biex l-ilment tar-rikorrent ikun sostenibbli, *the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment.* Fil-kaz tal-lum, il-Qorti ma ssibx il-prova ta` eccess li jmur ben oltre trattament legittimu. Meta nghata l-helsien mill-arrest, ir-rikorrent kien jaf, jew messu kien ben konxju tal-konsegwenzi fil-kaz li ma jkunx hares il-kondizzjnonijiet imposti fuqu mill-Qorti.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel lanjanza fondata fuq l-Art 36 tal-Kostituzzjoni u fuq l-Art 3 tal-Konvenzjoni.**

**2. <u>L-Art 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni</u>**
**<u>L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni</u>**

Fis-sentenza li tat fil-15 ta\` Ottubru 2012 fil-kawza "**<u>Carmelo sive Charles Saliba vs L-Avukat Generali</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet :-

*… l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiddefinix il-grad ta\` prova li jrid jintlahaq la fil-proceduri civili u anqas fil-proceduri kriminali. Dak Ii jesigi l-istess artikolu hu li l-proceduri jkunu xierqa fis-sens ta\` fair, u proceduri li fihom il-grad tal-prova rikjest huwa fuq bilanc ta\` probabilitajiet ma hux anqas xieraq minn proceduri fejn il-grad tal-prova rikjest huwa fuq "grad ta\` prova rigoruz" jew fuq "grad ta\` prova fuq bilanc ta\` probabilitajiet kwalifikata", ifissru xi jfissru dawn il-frazijiet. Dak li hu rikjest hu li jkun hemm il-konvinciment tal-awtoritajiet gudizzjarji dwar dak li qieghed jigi processat u deciz. … Taht l-artikolu 6(1) il-kompitu tal-Qorti hu li tezamina jekk il-proceduri mehudin fil-kompless taghhom, inkluz il-mod kif ikunu ngabru l-provi, kienux xierqa fis-sens tal-istess artikolu, ghalkemm jista\` wkoll ikun il-kaz li aspett jew nuqqas partikolari jkun tant determinanti ghall-ezitu tal-kawza li jkun bizzejjed sabiex minhabba fih wahdu il-Qorti ssib nuqqas ta\` smigh xieraq. Inoltre, l-Istat ghandu latitudini akbar fil-mod kif jittratta kawzi civili milli ghandu meta jkun qieghed jittratta minn kawzi kriminali.B\`danakollu, l-principju tal-equality of arms li jiddetta li jinzamm bilanc xieraq bejn il-partijiet fil-kawza japplika kemm fil-kawzi civili kif ukoll f\`dawk kriminali.*

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qed jilmenta li meta tat il-provvediment taghha tas-16 ta\` Lulju 2012, il-Qorti Kriminali ma qaghditx fuq l-ahjar prova u ghalhekk kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Fisser illi l-*bailbook* esebit wahdu ma kienx jikkostitwixxi l-ahjar prova peress li ma kienx "registru" li jwassal ghal prova konklussiva ; lanqas ma jinzamm minn ufficjal pubbliku.

Huwa evidenti li l-argument tar-rikorrent illi l-*bailbook* ma jikkostitwix l-ahjar prova huwa msejjes fuq il-kwistjoni ta\` jekk il-*bailbook*

huwiex dokument li huwa nkluz fil-lista esklussiva ta` dokumenti nseriti fl-Art 627 tal-Kap 12.

Tajjeb jinghad illi qeghda ssir riferenza propju ghal din id-disposizzjoni partikolari ghaliex bis-sahha tal-Art 520(1)( e) tal-Kap 9, l-Art 627 u l-Art 629 tal-Kap 12 kienu resi applikabbli ghall-proceduri kriminali.

Skont l-**<u>Art 627 tal-Kap 12</u>** :

*"Id-dokumenti msemmijin hawn taht huma ammissibbli bi prova bla ma tkun mehtiega ebda prova ohra tal-awtenticità taghhom, hlief dik li tidher minnhom infishom, u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju :-*

*(a) l-atti tal-Gvern ta` Malta, iffirmati mill-Ministru jew mill-kap tad-dipartiment li minnu jkunu hargu, jew, fl-assenza ta` dan, mid-deputat, assistent jew ufficjal iehor li jigi warajh fil-grad, awtorizzat li jiffirma dawk l-atti ;*

*(b) ir-registri ta` dipartiment tal-Gvern ta` Malta ;*

*(c) l-atti pubblici kollha ffirmati mill-awtoritajiet kompetenti, u mahrugin fil-Gazzetta tal-Gvern ;*

*(d) l-atti tal-Gvern ta` Malta, stampati bl-awtorità tal-Gvern u ppubblikati regolarment ;*

*(e) l-atti u r-registri tal-qrati tal-gustizzja u tal-qrati ekklezjastici ta` Malta ;*

*(f) ic-certifikati mahrugin mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku u mir-Registratur tal-Artijiet ;*

*(g) it-testimonjal maghmul taht l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerc ;*

*(h) id-dokumenti msemmija fl-artikolu 68, fis-subartikolu (3) tal-artikolu 95, fl-artikolu 227 u, safejn japplika l-artikolu 227, fl-artikolu 274 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili kif provdut fl-imsemmija disposizzjonijiet."*

Fuq l-iskorta ta` dik id-disposizzjoni, qed isir l-argument mir-rikorrent illi *bail book* mhuwiex dokument ufficjali fis-sens tal-Art 627 tal-Kap 12, u

ghalhekk tali dokument ma jistax jitqies ammissibbli bi prova minghajr il-htiega ta` ebda prova ohra ta` awtenticita`.

Issa tajjeb jinghad illi l-*bailbook* jinzamm fl-Ghassa tal-Pulizija. Il-firma tal-persuna li tkun trid tiffirma tkun trid tigi awtentikata mill-membru tal-korp tal-pulizija li jkun prezenti fil-waqt tal-firma u dak il-hin jitnizzel ukoll in-numru tieghu. Huwa permezz ta` dak il-ktieb li jigi stabbilit jekk l-akkuzat ikunx qaghad mal-obbligazzjoni tal-firma, u allura jkunx osserva wahda mill-kondizzjonijiet li jkunu mposti fuqu sabiex jinghata l-helsien mill-arrest. Ghalhekk il-kontenut tal-ktieb bil-firem ghandu jikkostitwixxi prova ammissibbli.

Dan premess, il-Qorti kellha l-opportunita` li tezamina l-*bailbook* fl-original tieghu, bhal ma ghamlet il-Qorti Kriminali. Minn ezami tal-istess, jidher li l-Qorti Kriminali kellha ragun li fil-*bailbook* riferibbli ghal Matthew Bajada, l-ahhar data ta` l-iffirmar kienet fil-21 ta` April 2012 fit-8.34am. Per konsegwenza, din il-Qorti ma tarax li kienet fondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-Qorti Kriminali kisret id-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent **bil-fatt** illi meta qaghdet fuq il-kontenut ta` l-*bailbook* ipprezentat.

Fil-kuntest tal-kwistjoni tas-smigh xieraq, Matthew Bajada pero` ma jieqafx hemm.

Jilmenta **wkoll** li l-uniku xhud li tressaq waqt is-smigh tar-rikors tal-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali kien il-membru tal-korp tal-pulizija li pproducja l-*bailbook* quddiem il-Qorti. Tajjeb jinghad illi min deher il-Qorti dakinhar la kien stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija fejn kien jiffirma r-rikorrent, lanqas ma kien pulizija li ffirma l-*bailbook*. Billi x-xiehda quddiem il-Qorti Kriminali ma rrizultax li kienet registrata u traskritta, m`ghandha hjiel kwazi xejn ta` x`inghad dakinhar mix-xhud. L-unika fatt illi taf huwa dak li qal ir-rikorrent li l-persuna koncernata kienet stazzjonata l-Ghassa Rabat Malta. Dan stabbilit, il-Qorti tghid illi l-persuna koncernata sempliciment ipproduciet l-original tal-*bailbook* sabiex il-Qorti Kriminali tkun tista` tivverifika fl-original il-kontenut ta` dak id-dokument.

Issa rrizulta fil-kors ta` din il-kawza illi l-*bailbook* jinzamm l-Ghassa. Anke meta l-original kien ipprezentat lill-Qorti, kienu prezentati kopji. Wara li sar ezami komparattiv bejn l-original u l-kopji, il-*bailbook* originali mar lura l-Ghassa mnejn kien gie. Din il-Qorti hija tal-fehma li d-digriet tal-Qorti

Kriminali ma kienx ibbazat fuq ix-xiehda tal-membru tal-korp izda wkoll fuq il-kontenut tal-*bail book* kif ukoll fuq il-fatt, evidenti li waqt is-smigh ta` dak ir-rikors, illi Matthew Bajada baqa` ma cahadx, lanqas innega, li verament ma kienx ghadu jmur jiffirma l-Ghassa fid-dati ta` wara l-21 ta` April 2012.

Waqt is-smigh ta` din il-kawza, ir-rikorrent allega illi kien hemm mankanti zewg *bail book*s partikolari u cioe` dak li jkopri l-perijodu bejn ta` is-17 ta` Frar 2009 u s-17 ta` Settembru 2009, u dak li jkopri x-xhur ta` Mejju, Gunju u Lulju 2012. Jigi notat li l-kontenut tar-rikors tal-Avukat Generali kien jirrelata ghal ksur ta` l-kundizzjoni tal-iffirmar wara l-21 ta` April 2012. Fil-fatt ma kien sar l-ebda rapport dwar nuqqas ta` firma tar-rikorrent qabel dik id-data. Jidher ukoll li l-Qorti Kriminali evalwat il-kontenut ta` l-*bailbook* li minn ezami li sar tieghu minn din il-Qorti, jidher li kien hemm kontinwita` fid-dati, sakemm ma baqghux isiru firem wara l-21 ta` April 2012. Ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra tikkonsidra l-allegazzjoni tar-rikorrent fejn din tittratta dwar il-perijodu ta` bejn is-17 ta` Frar 2009 u s-17 ta` Settembru 2009.

Dwar ix-xhur ta` Mejju, Gunju u Lulju 2012, ir-rikorrent ma gabx provi quddiem il-Qorti Kriminali, jew del resto, quddiem din il-Qorti sabiex isostni li tassew kien jiffirma l-*bailbook* matul dawk ix-xhur. Mhux bizzejjed li r-rikorrent jaghmel allegazzjoni bla ma jsostniha bi prova. Fuqu kienet tinkombi l-prova ta` dak li allega mhux jiddeciedi li joqghod biss fuq dikjarazzjoni li ghamel quddiem din il-Qorti illi huwa dejjem iffirma *bailbook*s, bhallikieku kull meta qal li ma jiffirma matul dak il-perijodu ma kien hemm hadd jarah jaghmel dan fl-Ghassa koncernata. Tajjeb jinghad illi r-rikorrent ghamel zmien twil jiffirma anke kuljum fl-istess Ghassa u ghalhekk mhux eskluz anzi huwa ragonevoli illi kien jaf lid-diversi pulizija fl-istess Ghassa li kienu jarawh jiffirma u li allura setghu jikkorraboraw l-allegazzjoni tieghu li huwa baqa` jiffirma wara l-21 ta` April 2012.

Oltre dan in-nuqqas ta` prova, ix-xiehda tal-Ispettur Jesmond Borg m`ghandhiex titqieghed fid-dubju, peress li rrizulta li kienet koincidenza li l-Ispettur Borg sab li r-rikorrent ma kienx ghadu jiffirma. Infatti rrizulta li meta l-Ispettur Borg talab lill-pulizija tal-Ghassa fejn ir-rikorrent kellu jiffirma sabiex izommu lir-rikorrent, dan kien billi kien qed jinvestiga lir-rikorrent ghal akkuzi ta` korruzzjoni ta` xhieda. Kien hemm li l-Ispettur Borg kien infurmat li r-rikorrent ma kienx ghadu jmur jiffirma. In segwitu rrizulta li l-Ispettur Borg ordnat it-tfittxija tar-rikorrent. Mill-mod kif svolgew il-grajjiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-*bailbook* kien wiehed korrett

fis-sens li l-ahhar firma tar-rikorrent kienet dik tal-21 ta` April 2012, u ma kienx hemm *bail book*s ohra ghall-perijodi ta` Mejju, Gunju u Lulju 2012.

B`zieda mal-premess, il-Qorti tinnota li l-argument tar-rikorrent li kien hemm *bailbook* nieqes ghax-xhur ta` Mejju, Gunju u Lulju 2012 huwa nfondat. Dan ghaliex jidher minn ezami tal-*bailbook* esebit li kienet ghadha kif inbdiet il-pagna meta r-rikorrent beda jiffirma fil-21 ta` April 2012. Ghalhekk li kieku mar jiffirma wara dik id-data ma kienx ser isib pagna gdida izda kien isib l-istess pagna fejn kien iffirma l-ahhar fil-21 ta` April 2012. L-argument tar-rikorrenti seta` forsi jaghmel xi ftit sens li kieku l-ahhar firma li ghamel fil-*bail book* ipprezentat kienet saret fl-ahhar tal-pagna. Dan pero` mhuwiex il-kaz.

Mix-xiehda tar-rikorrent fil-kawza tal-lum, jidher li l-lanjanza tieghu hija li l-Qorti Kriminali ma tatx kont tal-bidla fiz-zminijiet tal-firmar. Fil-fehma ta` din il-Qorti dik il-lanjanza hija nfondata. Tant dan huwa hekk illi fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-Avukat Generali tat-13 ta` Lulju 2012, kien hemm referenza ghall-varjazzjoni taz-zmien. Fid-digriet li nghata wara mill-Qorti Kriminali fis-16 ta` Lulju 2012, irrizulta car li dik il-Qorti kienet qeghda tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-fatt li Matthew Bajada kien ilu ma jiffirma sa mill-21 ta` April 2012, mhux li ma kienx qieghed jiffirma kuljum. Lanqas m`ghandu jitwarrab il-fatt li l-Qorti Kriminali kienet ukoll *de visu* ezaminat il-*bail book* mnejn kienet tirrizulta l-frekwenza ta` d-drabi li kien jiffirma r-rikorrent. Ghalhekk l-argument tar-rikorrent qieghed jigi skartat.

Din il-Qorti tistqarr li ma ssib xejn x`ticcensura fil-mod kif il-Qorti Kriminali kkonduciet il-procedura taht skrutinju fil-procediment tal-lum. *Del resto* fil-process gudizzjarju huwa l-gudikant li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-moderatur tal-proceduri li jizgura mhux biss li jinzamm bilanc bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli ghalihom biex jiddefendu r-rispettivi pozizzjonijiet taghhom, imma huwa wkoll moghti mil-ligi s-setghat u l-mezzi l-ohrajn kollha biex ikun jista` jizgura process gust u xieraq (ara – **Kollez. Vol. LXXXIV.i.417**).

Din il-Qorti tghid li hekk sar fil-kaz tal-lum.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni lanjanza fondata fuq l-Art 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u fuq l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni.**

**In vista tal-premess, qeghda <u>tichad</u> l-ewwel talba.**

**V. <u>It-tieni u t-tielet talbiet</u>**

**Il-pern ta` dawn it-talbiet hija l-<u>konfiska</u> tad-depozitu u tal-garanzija personali tar-rikorrent favur il-Gvern ta` Malta.**

**Fil-kaz tat-tieni talba jissemmew in-nuqqas ta` proporzjonalita' u l-arbitrarjeta`, waqt li fil-kaz tat-tielet talba huwa nvokat ksur tal-Art 5 tal-Konvenzjoni.**

**<u>L-Art 5 tal-Konvenzjoni</u>** jaqra hekk :-

*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna.*

*Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-libertà tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi :*

*(a) id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuna wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti ;*

*(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuna ghal nuqqas ta` tharis ta` ordni skont il-ligi ta` qorti jew sabiex jigi zgurat it-twettiq ta` xi obbligu preskritt mil-ligi ;*

*(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta` persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat ;*

*(d) id-detenzjoni ta` minuri b`ordni skont il-ligi ghall-iskop ta` sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tieghu skont il-ligi sabiex jigi migjub quddiem l-awtorità legali kompetenti ;*

*(e) id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuni biex jigi evitat it-tixrid ta` mard infettiv, ta` persuni mhux f`sensihom, addetti ghall-alkohol jew ghad-drogi jew vagabondi ;*

*(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuna biex jigi evitat li tidhol minghajr awtorità fil-pajjiz jew ta`persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni.*

*(2) Kull min ikun arrestat ghandu jigi nfurmat minnufih, f`lingwa li jifhem, dwar ir-ragunijiet tal-arrest tieghu u dwar kull akkuza kontra tieghu.*

*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta` dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b`ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista` jkun taht kundizzjoni ta` garanziji biex jidher ghall-proceduri.*

*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tieghu b`arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalità tad-detenzjoni tieghu tigi deciza malajr minn qorti u l-libertà tieghu tigiordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-ligi.*

*(5) Kull min ikun vittma ta` arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli ghal kumpens."*

Dwar 5 tal-Konvenzjoni, l-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb "**<u>Law of the European Convention on Human Rights</u>**" ighidu hekk :-

*"the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fashion'. The essence of Article 5 is that, although the right to liberty is not an absolute one, a person must be detained only on a basis of law and that the law relied upon must be consistent with recognised European standards. Article 5 also safeguards the individual against the illegal deprivation of liberty contrary to Article 5 by requiring that a person in detention be provided with a remedy or remedies by which he can challenge the legality of his detention and obtain compensation if it is not lawful"*

Fil-kaz ta` "**<u>Neumeister vs Austria</u>**" (Applik. Nru. 1936/63) inghad mill-ECHR illi l-garanzija li l-Qorti tordna bhala kundizzjoni biex jinghata l-helsien mill-arrest m`ghandhiex isservi bhala ghamla ta` kumpens ghad-dannu mwettaq bir-reat.

Inghad illi l-ammont tal-garanzija ghandu jkun ragonevoli, fis-sens li ghandu jservi sewwa – imma mhux aktar milli mehtieg – biex jizgura li l-persuna mixlija ma tonqosx milli tidher ghall-kawza taghha u ma tithajjarx tghib jew tahrab. Ghalhekk fejn l-ammont tal-garanzija jisboq dan l-ghan, jaf ikun hemm tal-ksur tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti temmen li ghandu jkun hemm deterrent tajjeb li jassikura li l-akkuzat ihares il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Meta jkun sar depozitu, ma jkunx difficli li jissarraf in-nuqqas ippruvat tal-akkuzat. Fil-kaz ta` l-garanzija personali, is-sitwazzjoni hija diversa. Jekk l-akkuzat ma jkollux il-mezzi, jista` jkun tentat illi ma josservax il-kundizzjonijiet imposti. Hemm imbaghad it-telf tal-helsien mill-arrest li hija sanzjoni iebsa fiha nnfisha. Meta ssir analizi tal-kwistjoni fl-assjem taghha, johrog car illi s-soluzzjoni hija kif u fejn se jinholoq bilanc li finalment jirrisolvi ruhu fi proporzjonalita`.

Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta` Marzu 2011 fil-kawza "**John Grima vs Avukat Generali et**".

Din il-Qorti sejra tirreferi ghal bran minn dik is-sentenza :-

*"L-Artikolu 579(1) jiddisponi, fil-qosor, li jekk l-imputat jew l-akkuzat jonqos li josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, "is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta` Malta" …*

*Ghalkemm il-proviso ghall-Artikolu 579(1) jghid li t-telfien tal-garanzija ma joperax jekk il-ksur tal-kundizzjoni imposta "ma hiex ta` konsegwenza serja" ma tipprovdix lill-Qorti b`diskrezzjoni li timitiga l-ammont ta` telf skont ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista` jkollu "konsegwenza serja" il-Qorti m`ghandhiex diskrezzjoni "to fit the punishment to the offence", izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija kollha, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat. Kien fil-fatt dan in-nuqqas ta` proporzjon li waslet lill-Qorti Ewropeja tqis dan l-artikolu drakonjan fil-kaz ta` **Lawrence Gatt v. Malta** deciza fis-27 ta` Lulju 2010, fejn ma qablitx ma` sentenza li tat din il-Qorti fit-12 ta` Frar 2008, li f`cirkostanzi li jixbhu dawk ta` din il-kawza, kienet sabet xejn hazin fil-konverzjoni kif giet applikata f`dak il-kaz.*

*Biex jigu indirizzati l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta` Strasbourg, din il-Qorti thoss li f`kaz ta` ksur ta` xi kundizzjoni imposta, il-Qorti Kriminali ghandha tinghata diskrezzjoni li tapplika l-Artikolu 579(1) in toto jew in parte skont il-gravita` tal-kaz. Hemm diversi gradi ta` serjeta` li jista` jirrizulta wara ksur ta` kundizzjoni, u l-Qorti trid tkun fi grad li tqis dawn ic-cirkostanzi u tordna skont is-serjeta` tal-kaz, jekk il-garanzija ghandhiex tghaddi favur il-Gvern ta` Malta in parte jew fl-interezza taghha. F`kaz bhal dan, fejn giet imposta garanzija personali ta` €23,293.73, meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta` Malta. B`dan il-mod, il-Qorti tkun tista` tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta` Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma` dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta` proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm `ceiling` ta` kemm wiehed jista` jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita`."*

Il-Qorti rat is-sentenza citata ta` **<u>Gatt vs Malta</u>** (Applik. Nru. 28221/08) fejn l-ECHR issottolineat li trid ssir distinzjoni cara bejn kundizzjonijiet principali ghall-helsien mill-arrest u kundizzjonijiet ancillari:

*… it requires in addition that any deprivation of liberty should be consistent with the purpose of Article 5, namely to protect individuals from arbitrariness.*

*… The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, or conditions related to other considerations. It however, gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case where the condition breached, referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities` decision to apply the relevant article.* ***In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and***

***other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results.*** (enfasi ta` din il-Qorti)

Din il-Qorti qieset provvedimenti li nghataw mill-Qrati taghna, li jirreferi ghalihom ir-rikorrent, fejn kienu kkonfermati dawn l-insenjamenti. Fil-kawza "**Il-Pulizija vs Godfrey Gambin et**" inghata digriet fis-27 ta` Jannar 2012 dwar ksur tal-kundizzjoni ta` r-rinkazar u kienet revokata *contrario imperio* l-konfiska tal-garanzija personali u tad-depozitu, billi r-revoka tal-helsien mill-arrest kienet l-konsegwenza l-aktar idoneja ghal dak il-ksur. Fil-kawza "**Il-Pulizija vs Massimo Caruso**" deciza fil-15 ta` Dicembru 2010 kien irrizulta ksur ta` tlett digrieti ghall-helsien mill-arrest. Il-Qorti rrevokat il-helsien mill-arrest fit-tlett istanzi filwaqt li ordnat il-konfiska tal-flejjes favur il-Gvern fil-konfront ta` digriet wiehed biss. Similment fil-kawzi "**Il-Pulizija vs Carlos Falzon**" (27 ta` Mejju 2011) "**Il-Pulizija vs Joseph Brincat**" (2 ta` Gunju 2011) u "**Il-Pulizija vs Giuseppe Puglisi" (**11 ta` Gunju 2010), ma kienx hemm ordni ta` konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali. "**Il-Pulizija vs Lorraine Vella**" (27 ta` Settembru 2007) kienet kaz fejn l-akkuzata kisret kondizzjoni dwar il-helsien mill-arrest ghaliex damet xahar ma tiffirmax l-Ghassa. Il-Qorti nfliggiet multa ta` Lm 100, izda la ordnat l-arrest mill-gdid u lanqas it-telf tal-plegg.

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, ir-rikorrent isostni li l-Qorti Kriminali waslet ghall-konkluzjoni illi l-fatt li ma ffirmax l-Ghassa kien ksur serjissmu ghax fehmet li l-obbligu tieghu kien illi jiffirma kuljum. Din il-Qorti diga` esprimiet ruhha kjarament aktar kmieni illi dan tar-rikorrent huwa nsinwazzjoni nfondata. Il-Qorti Kriminali kellha quddiemha l-fatti kollha nkluzi d-digriet li bih ir-rikorrent kellu jiffirma darbtejn fil-gimgha. Inoltre mill-*iter* processwali jidher illi saru numru gmielu ta` rikorsi fejn it-talba kienet sostanzjalment l-istess u cioe` il-bdil tad-digriet tas-16 ta` Lulju 2012. Minkejja din l-insistenza da parti tar-rikorrent, li timmanifesta resistenza ghall-provvedimenti tal-qorti, il-Qorti Kriminali baqghet tqis dak il-ksur bhala serju bil-konsegwenza li ordnat l-arrest tar-rikorrent, il-konfiza tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija personali.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, dak li ghandu jigi investigat huwa jekk tassew il-kondizzjoni tal-iffirmar kinitx kundizzjoni ancillari biss u mhux kundizzjoni tant serja li tirrendi legittimu l-konfiza tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija. Taghmel riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "**Il-Pulizija vs Fabio Psaila**" (27 ta` Settembru 2012). Hemm inghad mill-appellant illi l-intenzjoni tal-legislatur kienet li johloq

gradwatorja ta` importanza ta` meta jista` jinghata l-beneficcju tal-liberta` provvizorja. Ladarba kien hekk l-appellant sostna li nuqqas ta` attendenza tal-akkuzat ghal udjenza meta jkun bil-liberta` provvizorja kellha titqies bhala l-oghla forma ta` ksur tad-digriet tal-liberta` provvizorja. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta sahqet li : "*ksur ta` kull obbligazzjoni ossija kundizzjoni imposta fuq imputat meta jinghata l-liberta` provvisorja hi per se ta` natura gravi*". Tqeghdu quddiem il-Qorti tat-Tieni Istanza numru ta` kwesiti fosthom :-

Jista` qatt jinghad li nuqqas ta` iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat ma jidhirx ghall-ordni ta` l-awtorita` ?

Jista` qatt jinghad li nuqqas ta` iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat imqar jittanta javvicina x-xhieda tal-prosekuzzjoni ?

Jista` qatt jinghad li nuqqas ta` iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat jahrab minn Malta ?

L-appellant sahaq ukoll li huwa l-Art 575 tal-Kap 9 li johloq il-gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni proprju ghaliex hija din id-disposizzjoni li tghid x`ghandu jsir mill-Qorti meta tigi biex tqis jekk imputat ghandux jinghata l-liberta` provizorja jew le. Di piu` l-istess artikolu tal-ligi holoq delitt de quo cioe` l-Art 579 fis-sub-inciz (1) tieghu jerga` ghal darba ohra jaghmel riferenza ghal gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni, billi jelenka l-ewwel "*jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni ta` l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija*" imbaghad ighaddi jghid : "*jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta millqorti fid-digriet…*"

L-appellant kompla jinseg l-argument tieghu ghar-rigward tal-gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni tad-digriet tal-liberta` provvizorja anke a bazi tal-fatt li l-ligi fis-sapjenza taghha holqot gradwatorja ta` pieni applikabbli ghal meta persuna tinsab hatja tad-delitt ravvista fl-Art 579(2) tal-Kodici Kriminali. Kieku kull ksur ta` kull obbligazzjoni ossija kundizzjoni imposta fuq imputat meta jinghata l-liberta` provvisorja hi per se ta` natura gravi allra l-legislatur ma kienx johloq piena fil-minimu u massimu izda kien johloq biss piena wahda li tkun tassattiva, tkun xi tkun il-vjolazzjoni a bazi tal-principju : *ubi lex dvoluit dixit.*

Fil-pronunzjament taghha, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ghamlitha cara li l-aggravju mressqa jikkonsisti mill-fatt li l-Ewwel Qorti kellha timponi

piena aktar mita ghax l-ksur tieghu li ma jiffirmax l-Ghassa tal-Hamrun darba fil-gimgha ma kienx wiehed daqshekk serju. Fissret hekk :-

*Skont il-kawza Lawrance Gatt vs Malta deciza mill-"European Court of Human Rights" dawn l-obbligi ta` ksur kienu sekondarji, l-importanti kien illi l-akkuzat ikun jidher il-Qorti u dan fil-fatt Fabio Psaila dejjem ghamlu … Il-Qorti mhijiex qieghda tiddubita mill-insenjament tasSentenza fuq imsemmija. Dana pero` l-kundizzjonijiet tal-liberta provizorji mhumiex moghtija ghalxejn u kollha jservu ghall-ghan wiehed biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi mitlub jaghmel dan. Peress illi l-appellant huwa akkuzat taht il-Ligi Kriminali jkun hemm il-htiega illi jigi notifikat bid-deferimenti tal-kawza u ghalhekk jigu mposti fuqu kundizzjonijiet ta` l-iffirmar biex il-pulizija ma jkolliex diffikulta tinnotifikah. L-appellant kiser wahda minn dawn il-kundizzjonijiet, jekk biddilx l-indirizz tieghu jew le l-Qorti ma tafx peress illi dan ma rrizultax imma rrizulta bhala fatt illi l-appellant ma ffirmax l-ghassa tal-Hamrun kif kien obligat jaghmel u ghal kwazi xahar shih baqa` mfittex mill-pulizija minghajr lanqas ma ndenja ruhu jghidilhom fejn kien. Il-fatt illi fis-26 ta` Dicdmbru, 2010 ta ruhu b`idejh lill-pulizija m`ghandiex titqies illi ghamel xi bravura jew ghamel xi koncessjoni lill-pulizija billi ffrankalhom il-hin sabiex joqghodu jfittxuh. Kien l-appellant illi ma qaghadx ghall-obligazzjonijiet imposti fuqu u quindi kien l-appellant illi kellu jara kif jimmitiga l-konsegwenzi ta` dan in-nuqqas tieghu."*

Meta l-Qorti tqis il-fatti kollha ta` dan il-kaz tara li l-kundizzjoni tal-iffirmar li giet vjolata kienet kundizzjoni importanti u mhux ta` natura daqstant ancillari. Irrizulta nfatti li kien hemm zmien ta` xahrejn u xi gimghat fejn ir-rikorrent ma marx jiffirma hekk kif kien obbligat li jaghmel. Kien biss meta gie nvestigat dwar akkuzi li kien ittenta jikkorrompi x-xhieda tal-prosekuzzjoni li wara investigazzjonijiet mill-pulizija Bajada nstab u kien rinfaccjat b` rikors ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghall-konfiska tal-garanzija personali u tad-depozitu. Fl-istess waqt, din il-Qorti tqis ukoll li tali kundizzjoni ma kinitx daqshekk gravi u serja bhal fil-kaz li kieku giet vvjolata l-kundizzjoni li imputat/akkuzat jahrab minn Malta jew jonqos li jattendi ghal xi seduta l-Qorti. Din il-Qorti trid tkun cara illi ma tridx tinftiehem li l-kundizzjonijiet hekk impost fid-digrieti li jawtorizzaw il-liberta` provizzorja ghandhom jittiehdu leggerment u ma jigux osservati, izda fl-istess hin, hija taqbel li tezisti il-gradwatorja ta` serjeta` tal-vjolazzjoni tad-digriet tal-liberta` provvizorja.

Tenut kont tal-assjem fil-kaz tal-lum, partikolarment tal-kondizzjoni de qua, il-Qorti tqis illi r-revoka tal-helsien mill-arrest, il-konfiza tad-

depozitu ta` €5,000 u l-hlas tal-garanzija personali ta` €30,000 kollha flimkien wassal ghal rizultat disproporzjonat. Din il-Qorti tghid illi ghandu jkun hemm proporzjonalita` bejn is-severita` tal-ksur ta` l-kundizzjoni u s-severita` tal-piena komminata. Fil-kaz tal-lum ma rrizultatx din il-proporzjonalita`. Huwa minnu li l-kundizzjonijiet impost mill-Qorti qeghdin hemm sabiex jigu rispettati izda dan ma jfissirx li jekk ikun hemm ksur ta` kundizzjoni partikolari, il-konsegwenzi tal-ksur ghandhom bilfors ikunu daqs li kieku l-ksur kellu konsegwenzi ferm aktar serji.

Ir-rikorrent ighid ukoll illi l-ammont stabbilit bhala garanzija personali kien arbitrajru.

Tajjeb jinghad li ebda Qorti m`ghandha xi *guideline* legali li jghid kemm ghandha tkun stabbilita l-garanzija. Ir-rikorrent jallega li gudikant jista` jkollu kriterji soggettivi tieghu, u dan igib arbitrarjeta`, peress li sabiex ma tkunx arbitrarja, jehtieg li tohrog mil-ligi.

Din il-Qorti tirrespingi dan l-argument u ma tqisux bhala li jsostni lir-rikorrent fit-talba tieghu.

Fit-talbiet li ressaq ir-rikorrent ma kkontestax il-validita` tad-digriet tat-13 ta` Frar 2009 fejn kienu stabbiliti l-kondizzjonijiet sabiex ir-rikorrent inghata l-liberta` provvizorja. L-istanza tar-rikorrent kienet iccentrata fuq id-digriet tas-16 ta` Lulju 2012 u dawk ta` wara fejn il-Qorti Kriminali baqghet tichad it-talba tieghu ghar-rilaxx tad-depozitu u tal-garanzija personali kkonfiskati. Ghalhekk l-argument imur barra ghal kollox mill-parametri tat-talbiet u ghalhekk mhux se jinghata konsiderazzjoni.

Fi kwalunkwe u in linea ta` dritt il-Qorti m`ghandhiex is-setgha li tindahal fi kwistjonijiet jew materji li r-rieda espressa tal-ligi halliet ghal qrati ohra. Din il-Qorti m`ghandhiex tintrometti ruhha fl-operat ta` qrati ohra sakemm ma jkunx deher "eccess manifest fl-applikazzjoni" taghha ta` dawk il-principji jew kriterji kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kif inghad minn din il-Qorti diversament ippreseduta fis-sentenza li tat fit-22 ta` Lulju 2010 fil-kawza "**Maximilian Ciantar vs Avukat Generali**":-

*B`mod partikolari, ir-ragonevolezza tal-ammont tal-garanzija li jkun determinat minn dik il-Qorti li tkun tat l-ordni ghall-helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet fih stipulati m`ghandhiex bhala regola tigi mistharrga u*

*sindakata minn Qorti ta` kompetenza civili jew "kostituzzjonali". "Tista` eccezzjonalment tkun minnha sindakabbli jekk jirrizulta li l-quantum hu manifestament irragonevoli u irraggungibbli b`mod li d-dritt tal-akkuzat li jitlob il-helsien provizorju jkun gie ghal kollox newtralizzat fil-prattika, jekk mhux fit-tejorija" (Vide App. Kost.* ***31.7.1998*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Gauci vs Avukat Generali*** *(Kollez. Vol:* ***LXXXII.i.140)***

**Il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni talba limitatament billi ssib vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalita` mhux tal-arbitrarjeta`.**

**Qeghda tilqa` wkoll it-tielet talba.**

## VI. Ir-raba` talba

Ir-raba` talba hija konsegwenzjali ghat-tieni u ghat-tielet talbiet. Bhala rimedju ghall-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali tieghu, ir-rikorrent qieghed jitlob *ir-rilaxx tas-somom depozitati in toto jew in parte.*

Dwar il-kumpens, il-Qorti trid taghti rimedju xieraq u adegwat. Fl-istess waqt ma hemm l-ebda limitazzjoni tax-xorta ta` r-rimedju. Kollox huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Huwa evidenti mill-impostazzjoni tar-raba` talba illi dak li jixtieq ir-rikorrent huwa li jiehu lura kemm id-depozitu kif ukoll il-garanzija personali. Fl-istess waqt pero` ihalli tieqa mbexxqa fis-sens illi qed ihalli lill-Qorti li tistabilixxi ghandux jiehu lura kollox jew parti mill-flus li hallas.

Fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet aktar kmieni, il-Qorti mhijiex tal-fehma li r-rikorrent ghandu jiehu l-flus kollha lura. Irrizulta li r-rikorrent naqas b`mod evidenti fl-obbligu tal-iffirmar mhux ghal xi jumejn jew tnejn izda ghal numru ta` gimghat. Ghan-nuqqas tieghu hallas prezz inkluza karcerazzjoni ghaliex ma hallasx fil-pront il-garanzija personali. Billi l-Qorti sabet sproporzjon bi ksur tal-Konvenzjoni, jidhrilha li r-rikorrent m`ghandux jiehu lura l-ammonti versati sabiex jibqa` car u inekwivoku l-principju li l-ksur tal-kondizzjoni jibqa` ksur u r-rikorrent bhala l-persuna li kiser il-kondizzjoni minghajr raguni plawsibbli ma jistax jiehu vantagg min-nuqqas tieghu.

Il-Qorti qieset l-argument li gabu l-intimati illi m`ghandux jitwarrab l-iskop tad-disposizzjonijiet dwar il-jeddijiet fondamentali li huwa li jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta` vjolazzjoni ta` dawn l-is*tandards* huwa r-rimedju ewlieni. Hija konsapevoli li fis-sentenzi li kienu ndikati fin-nota ta` osservazzjonijiet tal-intimati u cioe` "**Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo et" u** "**Major Peter Manduca vs L-Onorevoli Prim Ministru**" inghad li hemm kazi fejn il-Qorti dehrilha li kien sufficjenti ghar-rikorrenti li jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tieghu kienu lezi tassew minghajr ma kien likwidat kumpens materjali.

Tenut kont tal-fattispeci partikolari ta` dan il-kaz, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li dikjarazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tkun bizzejjed bhala *just satisfaction* ghar-rikorrent. Riskontrata l-vjolazzjoni, il-Qorti sejra tillikwida favur ir-rikorrent ghall-istess vjolazzjoni kumpens fl-ammont ta` elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tichad l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba limitatament fis-sens illi ssib li kien hemm nuqqas ta` proporzjonalita` fid-digriet de quo li tat il-Qorti Kriminali fis-16 ta` Lulju 2012.**

**Tilqa` t-tielet talba.**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, tillikwida favur ir-rikorrent kumpens fl-ammont ta` elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) ghan-nuqqas ta` proporzjonalita` skont id-decizjoni taghha dwar it-tieni talba, u ghall-vjolazzjoni skont id-decizjoni taghha dwar it-tielet talba.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**